MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 89/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Michael Mifsud (K.I. 1844M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tmien mija disgha u hamsin ewro u sittax-il centezmu (€1859.16) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC51110350) u li jinkludi HP Compaq 610 u internet key Bandluxe C270, u dan skont kuntratt tal-14 t'Awwissu 2010; illi s-somma ta' elf tmien mija disgha u hamsin ewro u sittax-il centezmu (€1859.16) fuq indikata hija komposta minn hames mija sebgħa u sittin ewro u sittax-il centezmu (€567.16) dovuti in konnessjoni mas-servizz u dan skont Dokument B anness, flimkien ma' elf mitejn tnejn u disgħin ewro (€1292) bħala penali skont Dokument C anness; illi nterpellat diversi drabi sabiex jgħaddi għal ħlas, il-konvenut baqgha nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt

ghas-subizzjoni;  bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4265/11.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta’ Novembru, 2013 mill-Prokuratur Legali Noel Scerri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elf tmien mija disgha u hamsin ewro u sittax-il centezmu (€1859.16) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 4265/11.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------